**29 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Albert V. Mallia pr. et ne.

*versus*

Carmelo Calleja

**Terminu—Proroga—Renova—Restituzzjoni "in integrum".**

*F'materja ta' renova ta' terminu, bħala dik li tikkostitwixxi "restitutio in integrum", din ma għandhiex tingħata jekk mhux għal raġuni qawwija ħafna ("magna causa"), u jeħtieġ li jiġi pruvat impediment ġust, jew kawża ġusta oħra, kapaċi tiskuża lil min jitlobha; u biex tkun tali, trid tkun serja u ta' ċerta rilevanza, u mhux l-effett ta' negliġenza jew traskuraġni.*

*Għaldaqstant, jekk il-konvenut b'sentenza preċedenti ġie mogħti terminu biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu kontra d-domanda attriċi u ma jiddeduċix ir-raġunijiet tiegħu f'dak it-terminu, ma għandux jiġi mogħti terminu ġdid fuq talba li huwa jagħmel wara l-iskadenza ta' dak it-terminu biex jagħmel dik id-deduzzjoni, jekk mhux għal raġuni u motiv gravi kif fuq imfisser.*

*Il-fatt li hu ma ddeduċiex għaliex ried qabel jara xi dokumenti eżibiti fi proċess li hu jgħid li ma setgħax jeżamina f'dak it-terminu, għax dak il-proċess ma kienx disponibbli għalieh, mhix raġuni tajba jekk hu ma għamelx dak kollu li kien imissu jagħmel biex dak il-proċess ikun disponibbli għalieh, u mil-banda l-oħra hu seta' jifformula ċ-ċitazzjoni fuq materjal ieħor li huwa seta' liberament jirriskontra. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, hu mhux ġustifikat jippretendi renova tat-terminu ga lilu mogħti, non ostante l-oppożiz-*

*zjoni tal-parti l-oħra. Jekk huwa kien negliġenti jew imprudenti, għandu jbati l-konsegwenzi tal-għemil tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-18 ta' April 1958, fejn jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur proprio et nomine, u li biha ġiet akkolta l-ewwel domanda, billi ġie prefiss li'l-konvenut it-terminu ta' sitt ijiem sabiex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu skond il-liġi, u l-kawża ġiet imħollija għat-28 ta' April 1958, sabiex il-Qorti tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, jekk ikun il-każ; u l-ispejjeż ġew riżervati;

Rat ir-rikors tal-konvenut, preżentat fil-25 ta' April 1958, li bih talab illi din il-Qorti tipprefiġġilu u tirrinnovalu terminu ġdid biex fih jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-verbal fol. 18, il-konvenut għadu sal-lum ma ddeduċiex il-pretensjoni tiegħu skond il-liġi, u dan għar-raġuni miġjuba fir-rikors tiegħu tal-25 ta' April 1958, jiġifieri għaliex hu ried qabel jeżamina l-ittri eżibiti fol. 4 u 5, iżda ma setgħax jarahom, billi l-proċess ma kienx il-Qorti. Fix-xhieda tiegħu, l-avukat tal-konvenut iddikjara li hu talab il-proċess darbtejn, imma ma rnexxielux jarah;

Illi mhux kontestat li dak ir-rikors sar wara li kien għalaq iż-żmien prefiss lill-konvenut bis-sentenza fuq miġjuba, u għal din ir-raġuni l-konvenut talab konċessjoni ta' terminu ġdid;

Illi f'din il-materja r-renova ta' terminu, bħala dik li tikkostitwixxi "restitutio in integrum", ma għandhiex tingħata jekk mhux għal raġuni qawwija ħafna ("magna causa"), u jeħtieġ li jiġi pruvat impediment ġust, jew kawża ġusta oħra, kapaċi tiskuża lil min jitlobha (Kollez. VII, 388); u biex tkun tali trid tkun serja u ta' ċerta rilevanza, u mhux l-effett ta' negliġenza jew traskuraġni (Kollez. XXXIV-I-348). Issa, fil-fehma tal-Qorti, il-motiv addott

mill-konvenut ma jirrivestix il-gravità rikjesta. Difatti l-konvenut, sabiex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu, ma kellux "neċessità" li jerġa jara u jeżamina ż-żewġ ittri in kwistjoni, ittri li kien bagħat huwa stess, u li preżumibbilment kien jaf x'fihom; di pjù, huwa seta' jispekkja ruħu fuq il-kawża li ġa kien għamel għall-istess skop quddiem dil-Qorti, u li, fuq l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, huwa kien ċeda fit-13 ta' Frar 1958; il-proċess ta' dik il-kawża kien żgur disponibbli, u kien fih il-materjal kollu meħtieġ għaċ-ċitazzjoni ġdida. Għalhekk, jekk anki l-proċess preżenti ma kienx għall-konvenut disponibbli (u dan ħtija tiegħu, billi ma għamelx dak kollu li kien imissu jagħmel biex ikun disponibbli), il-konvenut seta' jifformula ċ-ċitazzjoni fuq l-oħra ġa ċeduta u fuq il-materjal abbondanti kontenut speċjalment fid-dikjarazzjoni tal-fatti; u għalhekk il-lum mhux ġustifikat jippretendi renova taż-żmien, ġa lilu mogħti, non ostante l-oppożizzjoni tal-attur espressa fid-dibattitu orali. Jekk huwa kien negliġenti jew imprudenti, għandu jbati l-konsegwenzi tal-għemil tiegħu;

Illi, fil-meritu, il-konvenut ma ddeduċiex il-pretensjoni tiegħu fit-terminu lilu mogħti; u kwindi għandu jiġi lilu mpost il-perpetwu silenzju skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi t-talba dedotta fl-imsemmi rikors tal-25 ta' April 1958;

Tilqa' t-tieni talba dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk riżervati fl-imsemmija deċiżjoni tat-18 ta' April 1958, kontra l-konvenut.